Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0178

Ftehim ta’ Sħubija KE-São Tomé u Príncipe fis-Settur tas-Sajd: Protokoll rigward l-implimentazzjoni

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta’ Mejju 2026 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Protokoll rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta’ São Tomé e Príncipe u l-Komunità Ewropea (2025–2029) (11609/2025 – C10-0246/2025 – 2025/0202(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (11609/2025),

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta’ São Tomé e Príncipe u l-Komunità Ewropea (2025–2029) (11606/2025),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0246/2025),

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4), l-Artikolu 117(7) u l-Artikolu 58 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0096/2026),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-

Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u ta’ São Tomé u Príncipe.